Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,651, 26 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 166 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019, għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 369 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università."

4. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jippreżentaw portafoll ta' xogħol riċenti tagħhom u jistgħu ikunu meħtieġa wkoll jattendu għal intervista biex tiġi evalwata il-kapaċità tagħhom li jsegwu l-kors b'suċċess. L-applikanti li ma jmorrux tajjeb fl-intervista ma jidħlux fil-Kors."